# SKEMA GĦAL ASSEMBLY TA' SKOLA SEKONDARJA

*Din l-assembly hija addattata l-iktar għall-istudenti mit-Tielet sal-Ħames Sena tas-Sekondarja (Years 9, 10 u 11) imma faċilment tiġi addattata bi kliem daqxejn eħfef għal dawk iżgħar. Preferibilment l-assembly issir ġewwa biex ikun jista' jintwera l-powerpoint presentation u l-video. Tieħu madwar 15-il minuta.*

*L-introduzzjoni preferibilment ma tinqarax imma l-Kap tal-Iskola jagħmilha fi kliemu biex l-istudenti ma jitilfux mill-interess. Preferibilment din l-assembly ssir f'ġurnata bejn it-13 u s-17 ta' Novembru 2023.*

**Introduzzjoni mill-Kap tal-Iskola (jew membru tal-Amministrazzjoni jew tat-Tim Kura Pastorali):**

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. L-għodwa t-tajba. Minn seba' snin ilu 'l hawn, id-dinja bdiet tfakkar il-Jum Dinji tal-Foqra (1). Dan se jkun imfakkar il-Ħadd li ġej. (2) Dan il-jum xtaqu l-Papa Franġisku u daħħlu fil-Knisja permezz ta' Ittra Appostolika li kiteb fl-2016 meta ġie fi tmiemu dak li jissejjaħ il-Ġublew tal-Ħniena. (3) Fil-fatt l-ewwel Jum Dinji tal-Foqra sar f'Novembru 2017 u t-tema tiegħu kienet, "Ejjew inħobbu, mhux bil-kliem imma bil-fatti".

Minn hawn 'il quddiem jista' jibda jintwera powerpoint presentation mehmuż ma' din l-assembly bi stampi relatati ma' dak li jkun qed jingħad. Dan dejjem jekk l-assembly ssir ġewwa fejn ikun hemm dlam biżżejjed. *IN-NUMRU INDIKAT FIL-BRACKETS HUWA N-NUMRU TAS-SLIDE FIL-PPT.*

(4) Dakinhar il-Papa kien iċċelebra quddiesa speċjali fil-Vatikan, u propju biex juri l-imħabba bil-fatti, ried li jsiru ikliet b'xejn għall-foqra f'diversi postijiet fill-Vatikan. Ried ukoll li jibda jittella' kunċert ta' mużika fil-Vatikan, għal madwar sebat elef persuna fqira li jattendu bla ħlas, (5) fosthom nies bi problemi soċjali, nies bla saqaf fuq rashom u persuni li jgħixu fi djar tal-anzjani u tal-morda. (6) Matul il-ġimgħa ta' qabel ried li jiġu offruti servizzi mediċi speċjalizzati b'xejn lill-foqra fi klinika mobbli. F'Malta wkoll bdejna ningħaqdu mal-Papa biex infakkru dan il-Jum. Din l-assembly ta' dalgħodu hija eżempju minnhom.

(7) Il-Papa jgħid li din mhix xi ħaġa tal-Kattoliċi biss imma "l-istedina hi miftuħa għal kulħadd, hu ta' liem reliġjon hu, biex jinfetaħ għall-qsim mal-foqra f'kull xorta ta' solidarjetà, bħala sinjal konkret li aħna aħwa. Alla ħalaq is-sema u l-art għal kulħadd; imma b'xorti ħażina l-bnedmin tellgħu fruntieri u ħitan, meta d-dinja Alla ħalaqha għal kulħadd, ħadd eskluż." (Messaġġ Jum Dinji tal-Foqra 2017)

Dan l-emfasi huwa importanti għax fost l-istudenti tagħna jkollna uħud ta' twemmin reliġjuż differenti. Imma dan il-Jum Dinji huwa rilevanti għalihom ukoll.

(8) Issa ħames studenti se jaqsmu magħna siltiet mill-Messaġġ tal-Jum Dinji tal-Foqra li Papa Franġisku kiteb għal din is-sena. Kull sena l-Papa qed jikteb messaġġ għal din l-okkażjoni.

*Jintgħażlu studenti li JAFU JAQRAW SEW. Tajjeb jiġu ppreparati sew minn qabel u għalliem responsabbli jagħmillhom rehearsel qabel għax inkella l-istudenti li jkunu qegħdin jisimgħu jiddejqu.*

(9) (Jekk l-assembly issir fejn jista' jintwera video, jista' jintwera dan il-filmat qasir ta' minuta: https://www.youtube.com/watch?v=H8oCDYi7ygE. Jekk le, jibdew mill-ewwel l-interventi tal-istudenti.)

**Student 1:** Is-suġġett tal-Jum Dinji tal-Foqra ta' din is-sena huwa (10) "Iddawwarx ħarstek mill-ebda fqir". Din hija sentenza li nsibuha fil-Bibbja, fi ktieb ftit li xejn magħruf tat-Testment il-Qadim jismu "il-Ktieb ta' Tobit", ktieb interessanti u mimli għerf. Sa minn żgħożitu, dan ir-raġel jismu Tobit, iddedika ħajtu biex jagħmel opri ta' ħniena mal-proxxmu tiegħu. Nisimgħu minn fomm Tobit stess:

**Student 2**: (11) "Jiena kont nagħmel ħafna karità ma' ħuti u ma' niesi. Ħobżi kont inqassmu lil dawk bil-ġuħ, u ħwejġi lil min ma kellux x'jilbes; u jekk kont nara lil xi ħadd minn niesi mejjet mixħut barra l-ħitan tal-belt, kont nidfnu".

**Student 1**: (12) Għax għamel hekk, is-sultan, flok irringrazzjah lil Tobit, neħħielu ġidu kollu u wasal biex faqqru għal kollox. Iżda meta Tobit reġa' ħa lura postu ta' amministratur, ma beżax ikompli jgħin lill-foqra kif kien għamel qabel. Nisimgħu r-rakkont tiegħu, li għad għandu x'jgħid lilna llum ukoll:

**Student 2**: (13) "Kienet il-festa tagħna ta' Għid il-Ħamsin; dakinhar għamluli pranzu kbir. Il-mejda kienet lesta, u ħejjewli ħafna ikel, u jien għedt lil ibni Tobija: 'Mur ibni, u ara ssibx lil xi ħadd fqir minn ħutna u ġibu hawn biex jiekol magħna. Nistennik, ibni, sa ma terġa' tiġi."

**Student 1**: (14) U l-Papa Franġisku jgħidilna: Kemm tkun ħaġa sabiħa kieku f'dan il-Jum tal-Foqra, aħna wkoll nagħmlu bħal Tobit! Nistiednu lil min jaqsam magħna l-ikla tal-Ħadd, wara li nkunu qsamna flimkien l-Ikla Ewkaristika. Jekk madwar l-artal tal-Mulej nifhmu li aħna lkoll aħwa, kemm tidher iżjed dil-ħaġa meta naqsmu l-ikla ma' min hu nieqes minn dak li għandu bżonn!

**Student 3**: (15) Meta nsibu ruħna quddiem bniedem fqir, ma nistgħux indawru wiċċna band'oħra, għax inkella ma nkunux qegħdin inħallu lilna nfusna niltaqgħu mal-wiċċ ta' Ġesù. "Iddawwarx ħarstek mill-ebda fqir". Innutaw tajjeb l-espressjoni "mill-ebda fqir". Kulħadd hu proxxmu tagħna. Ma jagħmlux differenza l-kulur tal-ġilda, il-qagħda soċjali, minn fejn hu ġej. Aħna msejħin niltaqgħu ma' kull fqir u kull xorta ta' faqar.

**Student 4**: (16) Qegħdin ngħixu fi żmien li fih ma tantx nagħtu attenzjoni lill-foqra. Jinteressana biss li nsiru sinjuri u nsikktu l-vuċi tal-foqra. Lil dawn inwarrbuhom, filwaqt li ngħollu 'l fuq il-kwalitajiet fiżiċi bħallikieku kienu l-mira prinċipali li rridu nilħqu. (17) Dak li hu virtwali qed jirbaħ lill-ħajja reali. Il-foqra jsiru biss stampi li kapaċi jqanqlu l-qalb għal ftit ħin, imma meta niltaqgħu magħhom tad-demm u l-laħam fit-triq dawn idejquna. L-għaġla tal-ħajja ta' kuljum iżżommna milli nieqfu ngħinu u nieħdu ħsieb xulxin.

**Student 3:** (18) Imbagħad il-Papa jfakkarna fil-parabbola famuża tas-Samaritan it-tajjeb u jgħidilna li din mhijiex xi rakkont tal-passat, imma tisfida l-preżent ta' kull wieħed minna. Faċli noffru l-flus imma li ninvolvu ruħna aħna stess hija l-vokazzjoni ta' kull Nisrani.

**Student 4:** (19) Il-Papa jgħid ukoll: Ma nistax inħalli barra forma ta' faqar li ta' kuljum qed tidher dejjem iżjed u li tmiss id-dinja taż-żgħażagħ. Kemm ħajjiet frustrati u saħansitra suwiċidji ta' żgħażagħ, diżillużi minn kultura li twassalhom biex iħossuhom "ma jiswew għal xejn" u "falluti". Irridu ngħinuhom jirreaġixxu quddiem din in-negattività, biex kull żagħżugħ ikun jista' jsib it-triq lejn identità b'saħħitha.

**Student 1:** Int ħabib li qed tismagħni kemm qed tgħin lil sieħbek li jbati minn dawn il-frustrazzjonijiet? Dan ukoll huwa faqar. Kun ta' spalla għal sieħbek, kellmu b'imħabba, agħdru u ressqu lejn min jista' jgħinu.

**Talba**

Student 5: (20) Papa Franġisku qalilna wkoll li t-talba tal-Missierna hija t-talba tal-foqra. It-talba għall-ħobż "Ħobżna ta' kuljum agħtina llum" tesprimi l-fiduċja sħiħa f'Alla fil-bżonnijiet primarji ta' ħajjitna. Meta Ġesù għallimna din it-talba, kien qed jilqa' l-karba tal-fqir. Lid-dixxipli li talbuh jgħallimhom jitolbu, Ġesù weġibhom bi kliem il-foqra li jduru lejn il-Missier li fih jagħrfu li huma lkoll aħwa.

Il-Missierna hi talba li tingħad fil-plural: il-ħobż li nitolbu hu "l-ħobż tagħna", "ħobżna", u dan ifisser qsim, sharing, sehem u responsabbiltà komuni. F'din it-talba lkoll nagħrfu l-bżonn li negħlbu kull xorta ta' egoiżmu biex naslu għall-ferħ li nilqgħu lil xulxin. Mela ejjew, f'dan l-ispirtu ta' aħwa, nitolbu flimkien il-Missierna:

*Hawnhekk il-Kap tal-Iskola jistieden lill-istudenti biex jitolbu l-Missierna flimkien u bil-qalb.*

(21) Missierna li inti fis-Smewwiet, jitqaddes Ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid Int, kif fis-sema hekkda fl-art. Ħobżna ta' kuljum agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina, u la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni. Ammen.

Konklużjoni mill-Kap tal-Iskola (jew membru tal-Amministrazzjoni jew tat-Tim Kura Pastorali):

(22) Grazzi lil dawn l-istudenti li taw sehemhom f'din l-assembly u l-għalliema li ppreparawhom. (Hawn il-Kap tal-Iskola jista' jsemmi xi inizjattiva konkreta li biha l-istudenti jistgħu jgħinu lil min hu fqir). Ejjew inkomplu naħsbu dwar kif nistgħu ngħinu lil min hu fil-bżonn u dan nagħmluh mill-qalb. Biżżejjed inħarsu sew madwarna u nindunaw li hemm min fost sħabna għandu bżonn l-għajnuna. (23) Se ntemmu din l-assembly tagħna dalgħodu b'song sabiħa bl-isem ta' Another Day in Paradise ta' Phil Collins: https://www.youtube.com/watch?v=Ip3AVsEuoPs

*Jekk ikun sar il-ħin din is-song tista' tintwera waqt il-lezzjoni tar-Reliġjon/PSCD.*

**RIŻORSI ONLINE**

https://djakonija.org/foqra23

**X'tista ssib:**
verżjoni pdf il-ħoloq għall-videos suġġeriti hawn